

## III

(Atti oħrajn)

## ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 17/2010

tal-1 ta' Marzu 2010

**li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 1/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 <sup>(1)</sup>.
- (2) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 4/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 <sup>(2)</sup>.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 479/2007 tas-27 ta' April 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2076/2005 li jstipola arranġamenti transizzjonali għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkluż fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1243/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali <sup>(4)</sup> għandu jiġi inkluż fil-Ftehim.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1244/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru

2074/2005 rigward miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jstipula regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għall-ispezzjoni tal-laħam <sup>(5)</sup> għandu jiġi inkluż fil-Ftehim.

- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1245/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2075/2005, fir-rigward tal-użu tal-likwidu pepsin għall-iskoperta tat-Trichinella fil-laħam <sup>(6)</sup> għandu jiġi inkluż fil-Ftehim.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1246/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2076/2005 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tranziutorju mogħti lill-operaturi tan-negozju tal-ikel li jimportaw iż-żejt tal-ħut għall-konsum mill-bniedem <sup>(7)</sup> għandu jiġi inkluż fil-Ftehim.
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1441/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2073/2005 li jiffissal-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel <sup>(8)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (9) Fejn jirrigwarda l-Kapitolu I tal-Anness I, din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Iżlanda bil-perjodu tranziutorju speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introdutturja tal-Kapitolu I tal-Anness I għall-oqsma li ma kinux japplikaw għall-Iżlanda qabel ma ġie rivedut dan il-Kapitolu mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 <sup>(9)</sup>.
- (10) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

<sup>(1)</sup> ĠU L 101, 22.4.2010, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 101, 22.4.2010, p. 10.<sup>(3)</sup> ĠU L 111, 28.4.2007, p. 46.<sup>(4)</sup> ĠU L 281, 25.10.2007, p. 8.<sup>(5)</sup> ĠU L 281, 25.10.2007, p. 12.<sup>(6)</sup> ĠU L 281, 25.10.2007, p. 19.<sup>(7)</sup> ĠU L 281, 25.10.2007, p. 21.<sup>(8)</sup> ĠU L 322, 7.12.2007, p. 12.<sup>(9)</sup> ĠU L 100, 10.4.2008, p. 27.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II tal-Ftehim għandhom jiġu emendati kif hemm speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 479/2007, (KE) Nru 1243/2007, (KE) Nru 1244/2007, (KE) Nru 1245/2007, (KE) Nru 1246/2007 u (KE) Nru 1441/2007, fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 137/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007, sakemm ikunu saru n-noti-

fiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*). Fil-każ fejn in-notifiki kollha jkunu sara sa dik il-ġurnata, għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika proviżorjament mill-1 ta' Marzu 2010 sakemm tidħol fis-seħħ.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

*Il-President*

Alan SEATTER

---

(\*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

## ANNEX

L-Annessi I u II tal-Ftehim għandhom jiġu emendati kif ġej:

- (1) L-inċiż li ġej għandu jżied wara l-punt 134 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I:

“— **32007 R 1244**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1244/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 12).”
  - (2) L-inċiżi li ġejjin għandhom jżiedu wara l-punt 135 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005) fil-Parti 1.2 u l-punt 55 (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005) fil-Parti 6.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I:

“— **32007 R 0479**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 479/2007 tas-27 ta' April 2007 (ĠU L 111, 28.4.2007, p. 46),

— **32007 R 1246**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1246/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 21).”
  - (3) Il-punti li ġejjin għandhom jżiedu wara l-punt 17 (ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 6.1 tal-Kapitolu I tal-Anness I:

“— **32007 R 1243**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1243/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 8).”
  - (4) Dan li ġej għandu jżied wara l-punt 52 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005) fil-Parti 6.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I:

“, kif emendat bi:

— **32007 R 1441**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1441/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 12).”
  - (5) Dan li ġej għandu jżied wara l-punt 53 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005) fil-Parti 6.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I:

“, kif emendat bi:

— **32007 R 1244**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1244/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 12).”
  - (6) L-inċiż li ġej għandu jżied wara l-punt 54 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005) fil-Parti 6.2 tal-Kapitolu I tal-Anness I:

“— **32007 R 1245**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1245/2007 tal-24 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 281, 25.10.2007, p. 19).”
  - (7) Dan li ġej għandu jżied fil-punt 54zzzj (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005) tal-Kapitolu XII tal-Anness II:

“, kif emendat bi:

— **32007 R 1441**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1441/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 12).”
-